**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

# TMINN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 07/2021

**Il-Ħamis 27 ta' Mejju, 2021**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' virtwalment, fil-5:00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Omar Elaref Arab – Viċi Sindku
Désirée Vella Brincat – Kunsillier
Charles Cesare – Kunsillier
Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 07.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

07.1.1. Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li l-membri kienu kollha preżenti.

## 07.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 05/K8/2021.

07.2.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 05/K8/2021 kif ippreżentati.

07.2.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

07.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 06/K8/2021.

07.3.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 06/K8/2021 kif ippreżentati.

07.3.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07.4 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/1699/21/I** Email mingħand Sprachcaffe rigward il-ħsara li qed issir mill-għeruq tas-siġar fuq is-sistema tad-dranaġġ.

07.4.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1699/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jkompli jħeġġeġ lill-entita` ikkonċernata sabiex ġaladarba l-għeruq inkwistjoni jistgħu jiġu miżbura, għandu ikompli jsir dan ix-xogħol preventiv ta' manutenzjoni sabiex ma tintilifx is-siġra kollha għal dejjem.

07.4.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.4.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1790/21/I**
**46/1793/21/I** Email mingħand Tennisline jitolbu laqgħa mal-Kunsill dwar bi proposta li għandhom biex jirranġaw tennis court antik li hemm fi Triq Pietru Darmenia.

07.4.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1790/21I u 461793/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill kif diġa għamel, għandu jinforma lill-entita` ikkonċernata li l-Kunsill m'huwiex interessat jara l-iżvilupp ta' tennis court f'nofs numru ta' blokki residenzjali, a detriment tal-ġirien kollha. Il-kelliem żied li l-fatt li hemm entitajiet oħrajn joperaw biswit residenzi u l-problemi li dan jikkawża l-Kunsill diġa jafhom sewwa, minbarra li din l-istess entita` kienet fil-mira ta' numru ta' ilmenti li saru dwar l-operat tagħha sa tard bil-lejl fis-sit attwali tagħhom, u għalhekk wieħed jista` biss jimmaġina r-

reazzjonijiet, ġustifikati, jekk din l-attività tersaq a direttura eqreb tar-residenti.

07.4.5 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.4.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1791/21/I** Email li l-Viċi Sindku Omar Elaref Arab bagħat lill-GreenPak COOP dwar l-RRR Project.

07.4.7 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1791/21/I** fejn stieden lill-Viċi Sindku Omar Arab biex jagħti rendikont ta' fejn wasal dan il-proġett.

07.4.8 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab informa lill-Kunsill li 7 minn 13 il-mudell li ser ikunu esibiti huma lesti. Il-kelliem irrimarka li problema li għad hemm hija ta' meta ser isir l-upgrading ta' Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta minħabba li l-esibiti ser ikunu f'dan il-proġett.

07.4.9 Is-Sindku Dean Hili irrimarka li l-indikazzjonijiet għandhom ikunu li dan il-proġett RRR jiġi inawgurat wara s-Sajf li ġej. Il-kelliem żied li huwa previst li l-ġimgħa li ġejja ser issir laqgħa mal-Perit u l-kuntrattur biex il-Kunsill jara kif u meta ser jinbeda x-xogħol. Dwar ix-xogħol tal-ġnien il-kelliem ippropona li l-anfiteatru għandu jitneħħa u minflok isiru xi ħaġa differenti, jinbidlu l-play equipment, isir railing ġdid, CCTV, dawl ġdid u pavimentar ġdid.

07.4.10 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.4.11 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1803/21/I** Email mingħand TM jinfurmaw lill-Kunsill li l-U bars li hemm fi Triq Arnhem, Triq Sant'Andrija u fid-daħla ta' Pembroke ma ġewx approvata tali minħabba li ma jipprovdux sigurtà għal min ikun fuq il-bankina.

07.4.12 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1803/21/I** fejn ippropona li ġaladarba huwa mistenni li x-xogħol fuq Triq Sant'Andrija huwa mistenni li jibda f'qasir żmien minn IM, il-Kunsill għandu jistenna sabiex jara li dawn jitneħħew max-xogħol.

07.4.13 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

07.4.14 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1808/21/I**
**46/2414/21/I** Email mingħand il-librara tal-Kunsill titlob li l-laqgħa tal-Kunsill ma tibqax issir fil-ġurnata tal-librerija minħabba disturbi li qed ikun hemm kemm għall-librerija kif ukoll għall-Kunsill.

07.4.15 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1808/21/I u 46/2414/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill jara li meta jiffissa l-laqgħat tiegħu jagħti prijorità lill-bżonnijiet tal-Kunsilliera u l-attendenza tagħhom. Il-kelliem żied li kemm-il darba jkun possibbli li jsiru laqgħat fi ġranet oħrajn din tiġi kunsidrata, però, għandha tingħata prijorità l-attendenza tal-Kunsilliera dejjem, u fuq kollox. Il-kelliem ippropona ukoll li l-Kunsill jirrakkomanda lill-librara biex jekk tixtieq tista' tibdel il-ġurnata tal-Ħamis, li darba fix-xahar hija riservata għal-laqgħat tal-Kunsill.

07.4.16 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.4.17 Il-mozzjoni għaddiet għall-vot fejn is-Sindku Dean Hili, il-Kunsillier Charles Cesare, il-Kunsillier Désirée Vella Brincat u l-Kunsillier Raymond Lanzon ivvutaw favur filwaqt li l-Viċi Sindku Omar Elaref Arab ivvota kontra.

07.4.18 Il-mozzjoni għaddiet.

07.4.19 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab irrinmarka li l-librara għandha tiġi nfurmata li l-Kunsill ma jarax li għandu jkun hemm disturb biex kemm il-laqgħat tal-Kunsill kif ukoll il-librerija jkunu jistgħu joperaw fl-istess ħin.

**46/1867/21/I**
**46/1933/21/I**
**46/1979/21/I**
**46/2160/21/I**
**46/2161/21/I**

Email mingħand l-Ambaxxata Ċiniża dwar l-abbozz ta' ftehim vis-a-vis l-użu tal-planning gain konness mal-iżvilupp li ser jagħmlu.

07.4.20 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1867/21/I, 46/1933/21/I, 46/1979/21/I, 46/2160/21/I u 46/2161/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill jirratifika uffiċjalment il-kuntratt li permezz tiegħu il-Kunsill u l-Ambaxxata in kwistjoni ftehmu li jiffinanzjaw proġetti permezz tal-kontribuzzjoni li l-Ambaxxata obbligata tagħmel għall-proġett/i b'risq il-lokalita` skond il-permess tal-iżvilupp.

07.4.21 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.4.22 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1891/21/I** Email mingħand il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab dwar l-iżvilupp ta' paġna fuq Facebook bl-isem Pembroke Business Community.

07.4.23 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1891/21/I** fejn talab lill-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għall-kummenti tiegħu. Wara li l-kelliem spjega l-kunċett, il-kelliem ippropona li din il-paġna soċjali tiġi amministrata mill-Kunsill bħal ma jsir fuq Pembroke Residents.

07.4.24 Is-Sindku Dean Hili issekonda.

07.4.25 Il-Kunsill qabel unanimament.

07.4.26 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab ippropona ukoll li l-Kunsill jintroduċi sistema ta' ticketing għall-ilmenti u servizzi oħra li joffri l-Kunsill.

07.4.27 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.4.28 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1923/21/I**
**46/2263/21/I**

Email mingħand Ambjent Malta jitolbu aktar informazzjoni bħal photographic images, proposal, budget etc dwar it-talbiet tal-Kunsill biex isir survey fuq siġar fiż-żona ta' Blokk 1, Triq San Patrizju wara ħruq li kien hemm fiż-żona, inkluż fuq siġar li jistgħu jiġu salvati, u jekk le jinqalgħu u jitħawwlu oħrajn ġodda, u l-kunċett li s-sit Natura2000 jiġi żviluppat f'National Family Park.

07.4.29 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1923/21/I u 46/2263/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill l-ewwel u qabel kollox għandu jistħarreġ jekk hemmx, u jekk hemm kemm hemm budget allokat għal dawn l-inizjattivi, fid-dawl tal-fatt li l-proġett maġġuri msemmi jinvolvi s-sit Natura2000, kif ukoll li jinvolvi lil-NatureTrust sabiex iressaq proposta dettaljata lil Kunsill.

07.4.30 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.4.31 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2103/21/I** Email mingħand il-kumpanija Epic jinfurmaw lill-Kunsill li wasal biex jiskadi l-kuntratt tal-linji ċellulari li għandu l-Kunsill.

07.4.32 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2103/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill jġedded dawn il-kuntratti.

07.4.33 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.4.34 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2126/21/I** Email mingħand id-DGL b'aġġornament dwar l-Inizzjattiva tal-WIFI4EU.

**46/2577/21/I** Proposta mingħand Vanilla Telecoms relatata mal-proġett WIFI4EU.

07.4.35 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2126/21/I u 46/2477/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill, jekk ix-xogħol m'huwiex ser isir mid-DGL, il-Kunsill ma jkomplix isegwi dan il-proċess ġaladarba l-Kunsill diġa għandu l-faċilita` ta' WiFi b'xejn offruta fit-tliet ġonna maġġuri fil-lokalita`.

07.4.36 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

07.4.37 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2149/21/I** Email mingħand il-Kumitat Olimpiku Malti dwar il-Queen's Baton Relay li ser tkun Malta bejn il-11 u l-14 ta' Ottubru 2021, u stieden lill-Kunsill biex jagħmel attività u jipparteċipaw.

07.4.38 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2149/21/I** fejn irrakkomanda li l-Kunsill jisma x'għandu xi jgħid il-Kunsillier Raymond Lanzon dwar is-suġġett.

07.4.39 Il-Kunsillier Raymond Lanzon irrakkomanda li l-Kunsill jipparteċipa f'din l-attività u jiġi nvoluta Skola Sports.

07.4.40 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab irrimarka li huwa lest li jikkordina din l-attività u għalhekk ippropona li l-Kunsill jipparteċipa.

07.4.41 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

07.4.42 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2208/21/I** Email mingħand Eurobasket Pembroke jitolbu l-permess li jagħmlu użu mill-multi-purpose court ta' Ġnien 4 ta' Lulju biex jorganizzaw International basketball camp bejn 26/07 – 15/08/2021.

**46/2614/21/I** Email mingħand Eurobasket Pembroke jitolbu l-permess li jinbidlu l-ħinijiet tas-sessjonijiet li fihom il-klabb qed juża l-multi-purpose court ta' Ġnien 4 ta' Lulju.

07.4.43 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2208/21/I u 46/2614/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għal dan it-tournament u għat-tibdil fil-ħinijiet tal-użu tal-istess court.

07.4.44 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

07.4.45 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2220/21/I** PA6141/20 – Kopja tal-appell intavolat mill-Kunsill Lokali Pembroke kontra l-permess maħruġ mill-PA.

07.4.46 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2220/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill jirratifika d-deċiżjoni li ġie intavolat l-appell.

07.4.47 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

07.4.48 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2228/21/I** Ilment biex issir mera fi Triq il-Mediterran faċċata ta' Triq il-Fortizza.

07.4.49 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2228/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill jinstalla mera tat-traffiku sabiex min ikun nieżel minn Triq il-Fortizza jkollu viżibilità aħjar tan-naħa tal-lemin tat-Triq, direzzjoni lejn il-Melita FC.

07.4.50 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

07.4.51 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2244/21/I** Kopja t'ittra li GreenPak bagħtet lill-kolletturi tal-iskart dwar il-ġbir tal-ħġieġ.

07.4.52 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2244/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill jirreġistra d-diżapprovazzjoni tiegħu għal dan in vista tal-konfuzjoni li qiegħda, u li potenzjalment ser tkompli toħloq lir-residenti. Filwaqt li dan is-servizz għandu jkompli jiġi offrut l-entita` ikkonċernata jeħtieġ tifhem li mhuwiex aċċettabbli li materjal tal-ħġieġ fil-kartun ma jinġabarx. Il-kelliem żied li jekk isir hekk ir-residenti sejrin jaqtgħu qalbhom u li s-servizz mhuwiex ser jibqa` vijabbli.

07.4.53 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.4.54 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2264/21/I** Email mingħand l-iżviluppatur b'konnessjoni ma' PA 5985/19 jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill biex tiġi rilaxxata l-garanzija bankarja li għandu mal-PA ladarba ġiet irranġata l-bankina.

07.4.55 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2264/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għal dan qabel mas-sit jitnaddaf u ma jitħalla ebda sinjali permanenti.

07.4.56 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.4.57 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2293/21/I**
**46/2304/21/I** Attività edukattiva mill-iskola Primarja ta' Pembroke – Kulleġġ Santa Klara.

07.4.58 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2293/21/I u 46/2304/21/I** fejn informa lill-Kunsill li kif maqbul f'laqgħat preċedenti ġew mixtrija kotba lill-parteċipanti li ġew meqjusa rebbieħa f'din l-inizjattiva li bħala skop ewlieni kellha l-promozzjoni tar-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid ta' materjal bħal plastik u l-kartun. Il-kelliem żied li dalgħodu stess inżammet attività virtwali fejn il-kelliem, għan-nom tal-Kunsill ippreżenta dawn it-tifkiriet, kotba edukattivi relatati mas-suġġett, lil kontestanti magħżula.

07.4.59 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.4.60 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2303/21/I** Stima mingħand Zoomangi għall-provvista ta' nassa għall-qtates.

07.4.61 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2303/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa` din l-offerta inkluż li l-feeders għandhom ukoll jiġu nfurmata li l-Kunsill għandu dan l-apparat ta' *overtrap,* u din tinżamm fl-uffiċini tal-Kunsill għall-użu ta' dawk il-feeders li jkunu jeħtiġuha.

07.4.62 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.4.63 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2399/21/I** Email mingħand ir-Reġjun Tramuntana dwar l-installazzjoni ta' CCTV's fil-ġonna pubbliċi inkluż stima tax-xogħol addizzjonali li hemm bżonn isir.

07.4.64 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2399/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill jaċċetta din l-istima u jimpenja ruħu sabiex dan ix-xogħol isir.

07.4.65 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

07.4.66 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2421/21/I** Stima mingħand Maltapost għal tqassim ta' flyer door to door.

**46/2422/21/I** Stima mingħand Mailbox għal tqassim ta' flyer door to door.

07.4.67 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2421/21/I u 46/2422/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill jagħżel l-orħos offerta.

07.4.68 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.4.69 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2472/21/I** Stima mingħand AS Supplies għall-provvista biex tinbidel il-plakka kommemorattiva li tfakkar il-membri tal-ewwel leġislatura.

07.4.70 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2472/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill jordna x-xogħol meħtieġ.

07.4.71 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.4.72 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2486/21/I** Email mingħand l-ispiżjara Nadine Muscat titlob l-appoġġ tal-Kunsill għall-iżvilupp propost minnaħa tagħna biex tirreloka l-ispiżerija u l-kliniċi li hemm fi Triq G. Malfeggiani għall-iżvilupp ġdid fi Triq Napuljun Tagliaferro.

07.4.73 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2486/21/I** fejn talab il-kummenti tal-membri.

07.4.74 Wara diskussjoni li saret, is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għal din it-talba suġġett għall-permessi tal-PA.

07.4.75 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.4.76 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2621/21/I** Email mingħand Reġjun Tramuntana fejn staqsew lill-Kunsill fejn għandha tiġi installata indoor AED device għall-użu tal-lokal.

07.4.77 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2621/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill jinstalla dan l-apparat fil-binja tal-Kunsill u jgħarraf b'dan lill-pubbliku.

07.4.78 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.4.79 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2128/21/I** Email mingħand l-AKL bi proposta ta' Life Policy għall-membri eletti.

**46/2412/21/I**

**46/2627/21/I** Email mingħand l-avukat tal-Kunsill bil-parir legali tiegħu dwar l-iskema Life Policy ipproponuta mill-AKL.

07.4.80 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2128/46/I, 46/2412/21/I u 46/2627/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill f'dan l-istadju, jinforma lil AKL bl-intenzjoni tiegħu li jipparteċipa f'din l-inizjattiva.

07.4.81 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.4.82 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2541/21/I** Suġġeriment biex fi Pjazza Nazju Falzon jiġi installat Dog Bin.

07.4.83 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2541/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa` din it-talba.

07.4.84 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.4.85 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2288/21/I** Suġġeriment biex biswit il-kamra li hemm fi Triq il-Battalja ta' Malta jitwaħħlu bollards minħabba li hemm diżlivell bejn il-parkeġġ u t-triq.

07.4.86 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2288/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa` din it-talba.

07.4.87 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

07.4.88 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2645/21/I** Suġġeriment minn resident li wara li tkellem mal-Kunsillier Raymond Lanzon qed jitlob l'issir caravan site f'Pembroke.

07.4.89 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2645/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jistax jamministra art li hija pubbliku u mhux tal-Kunsill, apparti li l-Kunsill għandu joqgħod attent fuq dan is-suġġett minħabba problemi l'inħolqu b'attivitajiet simili anke f'siti fejn mhux uffiċjalment organizzat b'dan il-mod. Il-kelliem żied li huwa għalhekk li tali inizjattiva ma tistax issir.

07.4.90 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

07.4.91 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2646/21/I**
**46/2467/21/I**
**46/2648/21/I**
Stima mingħand Epic, Go plc u Melita plc għal servizz tal-internet biex jiġu installata fi Ġnien Jum Pembroke u Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta vis-a-vis ic-CCTV's.

07.4.92 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2646/21/I, 46/2647/21/I u 46/2648/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill jagħżel l-offerta ta' Epic.

07.4.93 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.4.94 Il-Kunsill qabel unanimament.

07.4.95 Is-Sindku Dean Hili ippropona li jerġa' jitwaħħal bollard l'inqala' minn postu fi Triq Dun Gużepp Farrugia, suġġett li jkun jista' jinqala' f'każ ta' bżonn kif ukoll li biex b'xi mod jiġi mwitti wiċċ parti mil-bankina l-ġdida li saret minn IM fi Trejqet Patri Odorik Grima.

07.4.96 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.4.97 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2661/21/I** Kopja draft tal-pjanti minn IM dwar id-daħla ta' Pembroke u Triq Sant Andrija.

07.4.98 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-laqgħa li saret ma' IM dwar l-upgrading ta' Triq Sant'Andrija, il-parti bejn Triq Falaise u l-entratura ta' Pembroke fejn wara li l-membri raw il-pjanti li hemm bħalissa bħala draft, il-kelliem ippropona li bħala kunċett il-Kunsill jaqbel ma' dak propost minn IM.

07.4.99 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.4.100 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2692/21/I** Email mingħand il-PA jinfurmaw lill-Kunsill li fl-10 ta' Ġunju ser tiġi diskussa PA 0380717 - site at Former ITS (db Project)

07.4.101 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza 46/2692/21/I fejn fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti li kienet ingħatat wara l-appell, ikun għaqli li l-Kunsill jinnomina persuna oħra minfloku, u għalhekk wara diskussjoni ippropona li l-Kunsill jinnomina lill-Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab biex ikun ir-rappreżentant tal-Kunsill fuq il-Bord tal-PA li ser jiddiskuti l-applikazzjoni PA 03807/17.

07.4.102 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.4.103 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

07.5.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, Is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 07.6 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

07.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- Kopja ta' flyer li ser jitqassam fid-djar konness mal-laqgħa tal-lokalita' **(Dok. 1)**
- Kopja ta' avviż li ser jixxandar fuq il-midja soċjali tal-Kunsill dwar il-laqgħa tal-lokalita' **(Dok. 2)**
- **Internal Memo 5/2021** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 05/K8/21 u 07/K8/21 **(Dok. 3)**

07.6.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 5/2021** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

07.6.3 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.6.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07.7 Progression tal-impjegata Charmaine Sciberras.

07.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-impjegata Charmaine Sciberras waslet għall-annual progression.

07.9.2 Fuq rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, is-Sindku Dean Hili ippropona li l-iskrivana Charmaine Sciberras għandha tingħata l-progression annwali.

07.9.3 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.9.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07.8 Sit Natura2000 f'Pembroke.

**46/1719/21/I** Email mingħand Nature Trust FEE Malta dwar restrizzjonijiet ekoloġiċi fis-sit Natura2000 u qed jitolbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill.

**46/2053/21/I** Rapport mingħand Nature Trust Malta lill-ERA dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-qtugħ ta' ħaxix selvaġġ tul Triq il-Mediterran u fit-toroq u l-passaġġi li hemm fiż-żona Natura2000.

**46/2316/21/I** Suġġeriment biex tul is-sit Natura2000 jiġu nstallata tabelli b'diversi lingwi dwar il-klieb li għandhom jinżammu biċ-ċinga u li ma jistax isir għawm ta' klieb f'Pembroke.

07.8.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona li għandha issir laqgħa mal-entita` ikkonċernata sabiex jiġi definit l-irwol tal-Kunsill, u dak tal-entita` u kif it-tnejn flimkien jistgħu jagixxu aħjar b'risq is-sit inkwistjoni.

07.8.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.8.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07.9 Is-servizz tal-Perit tal-Kunsill.

07.9.1 Is-Sindku Dean Hili talab il-kummenti tal-membri.

07.9.2 Wara l-kummenti li saru, is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill joħroġ default notice lill-Perit minħabba nuqqasijiet ta' commitments lejn l-obbligu tiegħu dwar il-kuntratt li għandu mal-Kunsill.

07.9.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

07.9.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07.10 Is-servizz tal-Contracts Manager tal-Kunsill.

07.10.1 Is-Sindku Dean Hili talab il-kummenti tal-membri.

07.10.2 Wara l-kummenti li saru, is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill joħroġ default notice lill-CM minħabba nuqqasijiet ta' commitments lejn l-obbligu tiegħu dwar il-kuntratt li għandu mal-Kunsill.

07.10.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

07.10.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

07.11.1 Is-Sindku Dean Hili ippreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 4, 5 u 6)**

07.11.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ippreżentata.

07.11.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

07.11.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07.12 Mozzjonijiet.

07.12.1 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 07.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

07.13.1 Is-Sindku Dean Hili għalaq il-laqgħa fit-8:50pm wara li unanimament kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021 fit-3:00pm.

**Konfermati, illum 24 ta' Ġunju, 2021**

**IFFIRMAT**

Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMAT**

Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**

Dok 1

# Pembroke Local Council

**Alamein Street, Pembroke, PBK 1776.**
Tel : 2137 2111
E Mail : pembroke.lc@gov.mt
Web page : www.pembroke.gov.mt
Facebook : www.facebook.com/Pembrokelocalcouncil

## Public Locality Meeting 2021

The Pembroke Local Council notifies that as stipulated in the Local Councils Act 363, Article 70 sub article 1a, the Annual Local Public Meeting will be held for this year:

**on Thursday 24th June 2021**
**at 5.00 pm**
**This meeting will be held virtually**

During this meeting an account will be given of the work of the Council and the Financial Estimates for the Year 2021 will be presented.

All those persons whose names appear on the last Electoral Register are invited to this meeting and are encouraged to submit their comments and suggestions. The Council would like your participation in this meeting.

Anyone wishing to participate is asked to register with the Council by Tuesday 22nd June.

# Kunsill Lokali Pembroke

**Triq Alamein, Pembroke, PBK 1776.**

Tel : 2137 2111
E Mail : pembroke.lc@gov.mt
Web page : www.pembroke.gov.mt
Facebook : www.facebook.com/Pembrokelocalcouncil


## Laqgħa Pubblika Annwali 2021

Il-Kunsill Lokali Pembroke javża, li kif stipulat fil-liġi tal-Kunsilli Lokali Kap. 363, Artiklu 70 subartiklu 1a, ser tinżamm il-Laqgħa Pubblika Annwali tal-Lokalita' għal din is-sena:

**nhar il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021**
**fil-5.00 pm**
**Din il-laqgħa ser tinżamm virtwalment**

Waqt din il-laqgħa ser jingħata rendikont tal-ħidma tal-Kunsill u jiġu pprezentati l-Estimi Finanzjarji għas-Sena 2021.

Għal din il-laqgħa huma mistiedna dawk il-persuni kollha l'isimhom jidher fuq l-aħħar Reġistru Elettorali u huma mħeġġa jressqu l-kummenti u s-suġġerimenti tagħhom. Il-Kunsill jixtieq il-parteċipazzjoni tiegħek f'din il-laqgħa.

Kull min jixtieq jipparteċipa huwa mitlub jirreġistra mal-Kunsill sa qabel nhar it-Tlieta 22 ta' Ġunju.

---

# Laqgħa pubblika 2021

Il-Kunsill Lokali Pembroke javża, li kif stipulat fil-liġi tal-Kunsilli Lokali Kap. 363, Artiklu 70 subartiklu 1a, ser tinżamm il-Laqgħa Pubblika Annwali tal-Lokalita' għal din is-sena:

**nhar il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021 fil-5.00 pm**

**Din il-laqgħa ser tinżamm virtwalment**

Waqt din il-laqgħa ser jingħata rendikont tal-ħidma tal-Kunsill u jiġu ppreżentati l-Estimi Finanzjarji għas-Sena 2021.

Kull min jixtieq jipparteċipa huwa mitlub jirreġistra mal-Kunsill sa qabel nhar it-Tlieta 22 ta' Ġunju.



Kunsill Lokali
Pembroke

**Sindku:** Avv. Dean Hili LL.D., **Viċi Sindku:** Omar Elaref Arab
**Kunsilliera:** Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon
**Segretarju Eżekuttiv:** Kevin Borg

Mejju 2021

Dok 2

# Public meeting 2021

The Pembroke Local Council notifies that as stipulated in the Local Councils Act 363, Article 70 sub article 1a, the Annual Local Public Meeting will be held for this year:

**on Thursday 24th June 2021 at 5.00 pm**

**This meeting will be held virtually**

During this meeting an account will be given of the work of the Council and the Financial Estimates for the Year 2021 will be presented.

Anyone wishing to participate is asked to register with the Council by Tuesday 22nd June.



Pembroke
Local Council

**Mayor**: Dr. Dean Hili LL.D., **Deputy Mayor**: Omar Elaref Arab
**Councillors**: Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare & Raymond Lanzon
**Executive Secretary**: Kevin Borg

May 2021

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 3

**Internal Memo Referenza 05/2021** **27 ta' Mejju 2021**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 05/K8/21 u 07/K8/21

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 33 | 2021 | Smart Office Supplies | 50 file (kaxxa) + 10 tipex. |
| 34 | 2021 | Mica Med | Tirranġa lampa m'arblu Y142 fi Trejqet Giuseppe M.Letard. |
| 35 | 2021 | Mica Med | Tirranġa lampa W094 fi Triq Ferdinand Grech k/m Triq Giorgio Mitrovich. |
| 36 | 2021 | Mica Med | Tirranġa l-ewwel lampa fuq arblu fil-Ġnien Clifford Micallef li jiġi fi Triq ANZAC kantuniera ma' Triq Giorgio Mitrovich. |
| 37 | 2021 | B. Grima and Sons | Tabella għall-ħarsien tal-hedgehog fi Triq Suffolk u teħel mal-arblu tad-dawl u jinqala pole l-antik. |
| 38 | 2021 | Mica Med | Tirranġa lampa maqtugħa kif toħroġ minn Triq Salvatore Castaldi ddur għal Triq Burma fuq ix-xellug. |
| 39 | 2021 | Mica Med | Tirranġa lampa maqtugħa mal-faċċata bejn dar 79 u dar 80 fi Triq Mikiel Anġ Grima. |
| 40 | 2021 | J&K Contractors | Jinfetaħ il-bieb tal-kamra tad-dawl ta' sit A5-A11. |
| 41 | 2021 | General Ecological Services Co. Ltd. | Jinfetaħ id-dranaġġ tal-Kunsill. |
| 42 | 2021 | B. Grima and Sons | 2 lasti tal-futbol fil-court tal-4 ta' Lulju u tiġi rranġata ż-żebgħa tal-court 4 ta' Lulju. |
| 43 | 2021 | J&K Contractors | Tirrenġa t-taraġ fejn Blk 11 B fi Triq Pietro Rossell. |
| 44 | 2021 | Ells' Urban Services | Patching fi Triq Dun Ġużepp Farrugia, Triq tal-bajja, Triq Salvatore Castaldi għal Burma. |
| 45 | 2021 | Zammit Trading Ltd. | Tipprovdi u tissupplixxi 2 kaxex Z-Fold White Towels (5TIP2FOLDZ3750) x 150 (25 pakkett) għall-prezz ta' € 77.88 inkluż il-VAT. |
| 46 | 2021 | Mica Med | Tirranġa lampa W094 fi Triq Ferdinand Grech k/m Triq Giorgio Mitrovich. |
| 47 | 2021 | Mailbox | Tqassam bieb bieb flyer tal-Kunsill Lokali Pembroke għall-prezz ta' €75 + VAT. (Laqgħa tal-Lokalita' 2021) |

PEMBROKE

| | | | |
|---|---|---|---|
| 48 | 2021 | B. Grima and Sons | Isir STOP marking fi Triq Manwel Buħagiar kantuniera ma' Triq il-Mediterran. |
| 49 | 2021 | B. Grima and Sons | Jinbiel l-isem ta' Triq l-Imħallef William Harding Ġurista minflok President tal-Qorti. |
| 50 | 2021 | Mica Med | Tirranġa lampa W134 li tinsab mal-faċċata tal-Warehouse tal-BMX fi Triq Martin Luther King. Diġà kienet rrapurtata u r-resident qed jghid li qatt ma xeghlet. |
| 51 | 2021 | Charles Micallef Swimming Pools Ltd | Tissupplixxi kimika tal-Chlorine. |
| 52 | 2021 | Deco Manufacturing Ltd. | Isir frame għall-prezz ta' €44.51 inkluż il-VAT. |
| 53 | 2021 | B. Grima and Sons | Jiġu rranġata t-tabelli ta' madwar ir-roundabout ta' San Ġorġ u fejn il-lukanda Corinthia. |
| 54 | 2021 | Regjun Tramuntana | Jiġu nstalla 3 PTZ Cameras 2 fil-Ġnien 4 ta' Lulju u 1 fil-Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta. |
| 55 | 2021 | Zammit Trading Ltd. | Cat over trap għall-prezz ta' €114 inkluż il-VAT. |
| 56 | 2021 | Pembroke Food Store | Tissupplixxi ikel u xorb minerali għall-Kunsill. |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**